# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 19**

**Avviz numru 1594/00/SM**

**Alfred Darmanin**

**vs**

**Jeffrey Zahra**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-15 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas is-somma ta' erba' mija u tnejn u erbghin Lira Maltin u disa' u disghin centezmu, (Lm442.99,0), bhala ammont ta' danni li hu kkaguna fil-vettura BAI-513, ta' marka Maruti,**

**f'incident li sehh fid-9 ta' Lulju, 2000, ghal liema incident hu unikament responsabbli;**

2. **Bl-ispejjez tal-prezenti u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ghan-notifika tal-assigurazzjoni tal-konvenut, bl-odjerni proceduri kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-15 ta' Dicembru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi d-domanda attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident in kwistjoni gara tort unikament ta' l-attur stess meta dan laqat lill-konvenut meta kien qed jissorpassah minn naha tax-xellug;**

2. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident in dizamina sehh fid-9 ta' Lulju tas-sena 2000 ghall-habta tas-6.45 p.m. fi Triq Sant' Antnin, Marsascala, fid-direzzjoni minn Wied il-Ghajn lejn Haz-Zabbar, u li fih kienu nvoluti l-vettura tat-tip Maruti bin-numru BAI-513 u mutur tal-marka Honda bin-numru FTW-600 misjuq mill-konvenut Jeffrey Zahra;**

2. **Illi l-attur Darmanin isostni li hu u jsuq sema' daqqa minn wara u tant ma indunax li kien involut f'incident awtomobilistiku li kellha tkun**

**il-mara tieghu li kienet passiggiera mieghu li qaltlu bih;**

**3. Illi l-konvenut Zahra isostni li hu u jsuq fi Triq Sant' Antnin fuq imsemmija gie mal-vettura ta' l-attur li meta kien hekk mal-genb tieghu l-attur kiser fuqu u jwaqqa lill-konvenut ma' l-art;**

**4. Illi d-danni sofferti mill-attur jammontaw ghall-erba' mija u tnejn u erbghin lira Maltin u disa' u disghin centezmu, (LM442.99,0), u ghadhom mhux saldati;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi mid-dinamika li rrizultat, l-incident hu wiehed li seta' jigi evitat bi ftit aktar attenzjoni taz-zewg konducenti;**

**Illi jidher abbundantement car li z-zewg konducenti hadu bhala assodat li huma kienu l-proprjetarji assoluti tat-triq u hadd aktar ma kellu d-dritt juzha hliefhom;**

**Illi huwa ovvju li l-attur Darmanin ma kienx konxju mill-ezistenza tal-konvenut Zahra li kien hdejh bil-mutur;**

**Illi huwa daqstant ovvju li l-konvenut assuma li kemm hu kif ukoll l-attur kienu ser jibqghu jsuqu parallelament ma' xulxin minghajr ma ippreveda l-ebda imprevvist;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi li z-zewg konducenti ikkontribwew bl-istess mod ghall-incident de quo u konsegwentement:**

**1. Tiddikjara lill-attur Alfred Darmanin u lill-konvenut Jeffery Zahra ugwalment responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur Darmanin fl-ammont ta' erba' mija u tnejn u erbghin Lira Maltin u disa' u disghin centezmu, (Lm442.99,0);**

**3. Tikkundanna ghalhekk lill-konvenut Jeffrey Zahra jhallas lill-attur Alfred Darmanin nofs l-**

**ammont hekk likwidat senjatament mitejn u wiehed u ghoxrin Lira Maltin, erba' u disghin centezmu u hames millezmi, (Lm221.49,5), bl-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn l-istess partijiet.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**